SAN GILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12
Tel: 21 375376, 21 373111 Fax: 21 373444
*e-mail:* sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 11/K5/06

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 26/01/'06 200**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 26/01/'06 253**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 26 ta' Jannar 2006.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00 p.m.

1.03 Preżenti: Sitt membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Iskrivana Lindsay Debattista.

1.04 Assenti: Il-Kunsillier David Borg.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-talba.

1.1.02 Qabel bdiet il-laqgħa ċ-Chairman Peter Bonello għan-nom tal-Kunsill ta merħba lill-Kunsillier il-ġdid Edgar Montanaro li ħa post il-Kunsillier Robert Camenzuli.

1.1.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro irringrazzja lill-Kunsill.

1.1.04 Iċ-Chairman informa lill-Kunsill bl-aħbar tal-mewt ta' Dun Anton Sciberras, bid-dettalji tal-quddiesa u li ser jintbagħat bukkett fjuri.

1.1.05 Saret minuta silenzju bħala rispett lejn Dun Anton Sciberras.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fl-20 ta' Jannar 2006. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti

2. Korrispondenza
3. Riżenja ta’ Kunsillier
4. Bye-Laws dwar:-
   *Reklami fuq Għamara tat-Toroq u fuq l-Internet*
5. Residents’ Parking Scheme
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta’ Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 10/K5/05 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 10/K5/05.

1.3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma: -

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 4609 | Ittra mingħand il-Malta Planning and Design Consultants rigward *Multi-Storey Parking* taħt il-Pjazza tal-Balluta. |
| 5189 | E-mail mingħand it-Traffic Management Directorate dwar ir-Reserved Parking quddiem il-Hotel Juliani. |
| 5241 | E-mail mingħand l-Information Technology Services Ltd fuq reviżjoni ta’ l-*Annual Support Fee and Charge-Out Rates*. |
| 5308, K1277 & 0097 | Ċirkolari mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u ittra li bagħat il-Kunsill rigward l-iskema ‘Hello’. |
| 5413 | Ittra u kopji ta’ fatturi mingħand il-Kunsill Lokali San Ġwann dwar talba għal rikompens għax-xogħol li sar fi Sqaq is-Siġra. |
| 0082 | Risposta mingħand il-Ministeru tas-Saħħa għall-ittra li bagħat il-Kunsill dwar il-papri li jinsabu fil-Bajja ta’ Spinola. |
| 0087 | Ittra mingħand id-Dipartiment ta’ Kostruzzjoni u Manutenzjoni rigward struzzjoni sabiex ma kull talba ta’ xogħol tintbagħat site plan. |
| 0103 | E-mail mingħand is-Sur Noel Damato dwar il-programm tal-Karnival f’San Ġiljan u suġġeriment sabiex fil-programm tal-Karnival tiżdied banda preferibbilment minn San Ġiljan. |

0162 E-mail mingħand il-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti rigward il-programm għall-attivitajiet Nazzjonali tal-Karnival 2006.

0187 & K0048 Ittra mingħand is-Sur E. Zammit u ittra li l-Kunsill bagħat lil Sant and Mugliette fuq ilment dwar ħsarat fis-sistema tad-drenaġġ.

0204 Rapport mingħand l-Avukat Filletti rigward l-art tal-Kuridur Ekoloġiku f'Ta' Ġiorni.

0210, K70 & 0350 Ittri mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u ittra li bagħat il-Kunsill rigward assenjar ta' ħaddiem ieħor mill-IPSL.

0225 & 0348 E-mails mingħand l-Active Enterprises sabiex jinforma lill-Kunsill li ser jestendi l-ftehim tal-pedestrian barriers għal sena oħra.

0250 Ċirkolari mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar pubblikazzjoni tal-ktieb 'The Express Guide to Professionals'.

0262 Ittra mingħand Bibendo Ltd. rigward talba għal un/loading bay.

0334 E-mail mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'cleaning services' lill-Millenium Chapel.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi: -**

2.02 Rif. Nru. 4609

Reġgħet inġibed għall-attenzjoni tal-Kunsill l-ittra mingħand il-Malta Planning and Design Consultants rigward *Multi-Storey Car Parking* taħt il-Pjazza tal-Balluta minħabba li fil-laqgħa tas-6 ta' Diċembru 2005 (Minuti 10/K5/05 taqsima 2 pargrafu 2.05) ġie deċiż li "tittieħed deċiżjoni f'laqgħa oħra tal-Kunsill". Il-Viċi Sindku Karl Gouder ġibed l-attenzjoni li r-rata li ntalbet mill-perit hija l-*istandard rate* li jżommu l-periti. Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta l-istima ta' l-MP&DC u li tittieħed kull azzjoni neċessarja biex isir 'multi storey parking taħt il-Pjazza Balluta.

2.03 Rif. Nru. 5308, K1277 u 97

B'riferenza għaċ-ċirkolari mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u l-ittra li bagħat il-Kunsill rigward l-iskema 'Hello', ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jabbona għal din l-iskema.

2.04 Rif. Nru. 5413

Saret riferenza għall-ittra u kopji ta' fatturi mingħand il-Kunsill Lokali San Ġwann dwar talba għal rikompens għax-xogħol li sar fi Sqaq is-Siġra. Ġie deċiż unanimament li peress li l-Kunsill qatt ma ġie kkonsultat li ser issir dan ix-xogħol, il-Kunsill jidhirlu li m'għandux iħallas il-kont.

2.05 Rif. Nru. 103

Saret riferenza għall-e-mail mingħand is-Sur Noel Damato dwar il-programm tal-Karnival f'San Ġiljan u suġġeriment sabiex fil-programm tiżdied banda, preferibbilment minn San Ġiljan. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li:

- il-Kunsill jipparteċipa b'kollaborazzjoni ma' l-organizzaturi tal-Karnival biex għat-tieni sena konsekuttiva jiġi organizzat il-Karnival ġewwa San Ġiljan.
- jiġu avviċinati t-tlett baned tal-lokalita' biex jikkonfermaw fi żmien tlett ijiem jekk humiex interessati li jdoqqu flimkien għall-Karnival minflok li tinġib banda barranija.
- it-tlett baned jiġu nfurmati li l-Kunsill alloka s-somma komplessiva ta' Lm250 biex jinxtara s-servizz tat-tlett baned.
- f'każ li l-Kunsill ma jirċievi l-ebda risposta mingħand it-tlett baned, il-Kunsill jikkunsidra li mhumiex interresati u tintalab li ddoqq banda barranija.

2.06 Rif. Nru. 0204

B'riferenza għar-rapport mingħand l-Avukat Filletti rigward l-art tal-Kuridur Ekoloġiku f'Ta' Ġiorni ġie deċiż unanimament li kopja ta' dan ir-rapport jintbagħat lill-M.P. & D.C. u lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

2.07 Rif. Nru. 0225 u 0348

Saret riferenza għall-e-mails mingħand l-Active Enterprises, b'talba biex jiġi estiż il-ftehim tal-pedestrian barriers għal sena oħra. Il-Kunsill qabel unanimament li l-ftehim jiġġeded għal sena oħra.

2.08 Rif. Nru. 0250

B'riferenza għaċ-ċirkolari mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar pubblikazzjoni tal-ktieb 'The Express Guide to Professionals', ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jipparteċipa.

2.09 Rif. Nru. 0262

Saret riferenza għall-ittra mingħand Bibendo Ltd. rigward talba għal un/loading bay. Ġie deċiż unanimament li s-Sindku Peter Bonello imur 'on site' biex jara x'jista jsir.

2.10 Rif. Nru. 0334

B'riferenza għall-e-mail mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward pagamenti għas-servizz ta' tindif lill-Millenium Chapel, ġie deċiż unanimament li l-istess tweġiba li ngħatat lill-awdituri tintbagħat lid-Dipartiment.

**3. Riżenja ta' Kunsillier**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'ittra tar-riżenja tal-Kunsillier Robert Camenzuli u l-ħatra f'elezzjoni każwali tal-Kunsillier Edgar Monatanaro (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Il-Kunsill qabel unanimament illi :

- tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-Avukat Robert Camenzuli għas-servizz tiegħu fil-Kunsill u awguri għal futur sabiħ.
- l-Kunsillier Edgar Montanaro jkun responsabbli mill-karigi li kellu l-Kunsillier Robert Camenzuli.

**4. Bye-Laws dwar:- *Reklami fuq Għamara tat-Toroq u fuq l-Internet***

4.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq għad-diskussjoni d-draft tal-Bye-Laws dwar *Reklami fuq Għamara tat-Toroq u fuq l-Internet* (Ara Appendiċi 'B').

4.02 Wara diskussjoni qasira il-Kunsill qabel unanimament mad-draft tal-Bye-Laws iżda peress li l-Kunsillier Edgar Montanaro ġie elett Kunsillier fil-ġranet li għaddew ser jingħata ġimgħa żmien sabiex jressaq il-kummenti tiegħu. Wara jintbgħatu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**5. Residents' Parking Scheme**

2.09 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja ta' l-ilmenti rigward ir-Residents' Parking Scheme (Ara Appendiċi 'Ċ').

2.10 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li:-

- ssir laqgħa nformali bejn il-Kunsilliera nhar l-Erbgħa 1 ta' Frar 2006 fl-4.00 p.m. sabiex jiġu diskussi l-ittri.
- Wara l-laqgħa ta' l-1 ta' Frar 2006 issir laqgħa mal-Pulizija u l-Gwardjani Lokali.
- l-amministrazzjoni tiġi nformata bid-deċiżżjoni li jkunu ħadu l-Kunsilliera preżenti waqt dawn il-laqgħat.

## 6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet

6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

6.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

6.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 1955 sa 1964 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

7.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn 1955 sa 1964.

7.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondaha.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 8. Materji Oħra

8.01 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

8.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

8.03 B'riferenza għall-minuti 10/K5/05 taqsima 2 paragrafu 2.04 dwar kunċert li ser jittella' mill-Kumitat Festa San Ġiljan. Il-Kunsill ġie nfurmat illi mill-fond ta' l-attivitajiet kulturali ma hemmx fondi disponibbli. Għaldaqstant ġie deċiż unanimament li l-Kunsill mhux ser jipparteċipa.

8.04 Saret riferenza għall-Minuti 10/K5/05 taqsima 2 paragrafu 2.09 dwar id-donazzjoni li ngħatat waqt il-programm l-Istrina. Il-Kunsill ġie nfurmat li ċ-ċekk li ġie ppreżentat u li nħareġ fuq id-Dar tal-Providenza ntbagħat lura u l-Kunsill ġie mitlub li jagħmlu pagabbli lill-Malta Community Chest Fund. Għaldaqstant ġie deċiż unanimament li jiġi kkanċellat iċ-ċekk li nħareġ fuq id-Dar tal-Providenza u jsir ieħor pagabbli lill-Malta Community Chest Fund.

8.05 B'riferenza għall-Minuti 10/K5/05 taqsima 4 paragrafu 4.01 dwar il-magażine tal-Kunsill, il-Kunsill ġie nfurmat li kemm is-Sur Tony Cesareo kif ukoll is-Sinjuri John Agius u Vince Vassallo m'humiex interessatti. Għalhekk ġie deċiż unanimament li jiġi avviċinat is-Sur Alexander Vassallo, d-Direttur tal-Printit Printing Services biex jibda jagħmel il-magażine.

8.06 Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni li ħarġa oħra tal-magażine ser tkun f'Marzu u li hija r-responsabbilta tal-Kunsill kemm il-magażine ikun ta' livell għoli, għalhekk il-Kunsilliera ġew mitluba jippreżentaw l-artikli tagħhom mill-aktar fis possibbli.

8.07 Ġie deċiż li l-iScouts jiġu nfurmati li l-Kunsill irċieva diversi lmenti li l-magażine mhux qed jiġi mqassam lir-residenti kollha. Għalhekk jekk il-Kunsill jibqa' ikollu dawn l-ilmenti, l-Kunsill kontra x-xewqa tiegħu ser ikollu juża mezzi oħra biex jitqassam il-magażine.

8.08 Saret riferenza għall-korrispondenza li rċieva s-Sindku mingħand il-Malta Institute Computer Sciences fejn talbu biex fil-magażine jiddaħħal fuljett dwar korsijiet fuq il-komputer li ser jiġu organizzati minnhom b'kollaborazzjoni mal-Kunsill (Ara Appendiċi 'F'). Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

8.09 Saret riferenza għall-ftehim bejn l-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku u l-Kunsill Lokali. Il-Kunsill ġie nfurmat:-

- bl-ammonti attwali tax-xogħolijiet li saru (Ara Appendiċi 'Ġ') li jammonta Lm 77,939.77 li Lm 5000.00 minnhom il-Kunsill diġa approva li jitħallsu mill-allokazzjoni tal-Kunsill

- Li l-valur li l-Kunsill ingħata permezz tal-ftehim ma' l-ADT huwa ta' Lm 75,000.00

- li Triq Furtu Selvatico għadha ma saritx u li l-estimu tagħha huwa ta' Lm 4378.11.

8.10 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li issir Triq Furtu Selvatico u li l-bilanċ tal-flus jittieħdu minn proġett, li qiegħed 'on hold', ta' l-embellishment tal-playing field ta' B'Kara Road.

8.11 Ġie deċiż unanimament li:

- tintalab laqgħa mas-Supretendent Bartholomew Mula dwar problemi nġenerali

- tintbagħat 'reminder' lill-MSD sabiex isir il-bridge ta' l-injam fil-bajja ta' Spinola.

- tintbagħat ittra lill-*Cleansing Services Department* biex:-
  - ✓ il-Kunsill jirringrazzja lis-Sur Salvu Cesareo għas-servizz li ta' lill-Kunsill
  - ✓ id-Dipartiment jiġi nfurmat bix-xogħol tajjeb li qed jagħmel is-Sur Emanuel Gauci.

- isir ir-railing li hemm maqlugħ fuq il-bankina tal-promenade quddiem il-Każin tal-P.N.

- tintalab kwotazzjoni sabiex isiru belishia beacons mal-pedestrian crossing li hemm fi Triq Sant' Andrija.

- L-Avukat tal-Kunsill jiġi mitlub jikteb lid-Dipartiment tax-Xogħolijiet fejn id-Dipartiment jinżamm responsabbli jekk ma titteħidx azzjoni mmedjata biex jerġgħu jitwaħħlu l-belisha beacons, li kien hemm fi Triq San Ġorġ u fi Triq Ġ.B. Olivier, li kienu tneħħew meta sar il-proġett. Dan minħabba li għadha ma ttieħdet l-ebda azzjoni mid-Dipartiment għall-ilmenti li ressaq il-Kunsill.

- tinxtara l-istatwa ta' San Ġiljan għall-ammont ta' Lm90 biex titqiegħed fl-uffiċċju amministrativ tal-Kunsill.

- tintalab stima lill-Contracts Manager sabiex Triq Eric Brokman, Triq Carlo S. Zabarella u Triq Hans Stumme jsiru bil-madum jew bit-tarmak.

8.12 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fis-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello<br>Sindku | Helen Walker<br>Segretarju Eżekuttiv |